MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Talba Numru. 1751/2003

**Sea Malta Company Ltd.**

**vs**

**Tal-Franka Properties Ltd.**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fil-5 ta' Settembru 2003 fejn gie mitlub li s-socjeta' konvenuta tigi ikkundannata thallas lis-socjeta' attrici l-ammont ta' tlett mija hamsa u sittin Liri Maltin (Lm365.00), bilanc dovut minn somma akbar import ta' *cheque* mahrug mis-socjeta' konvenuta fuq il-Bank HSBC Bank (Malta) plc, liema *cheque* ma giex onorat unikament tort tas-socjeta' konvenuta. Illi bic-*cheque* premess is-socjeta' konvenuta kienet ippromettiet li thallas ghal servizzi rezi lilha, liema hlas fil-fatt ma sarx u dan kif ser jirrizulta waqt is-smigh tal-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet mid-data tac-*cheque* in kwistjoni.

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ppruvat ai termini ta' l-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u ta' l-Artikoli 698 (2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm is-socjeta' konvenuta giet regolarment notifikata, naqset milli tidher meta gew pprezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tas-socjeta` attrici u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' tlett mija hamsa u sittin Liri Maltin (Lm365.00), bl-imghax kif mitlub.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------